

Brussell, 20 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7207/25  
PV CONS 15  
AG 32

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Ġenerali)  
18 ta' Marzu 2025

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 7103/25.

## 2. Approvazzjoni ta' punti "A"


a) **Lista mhux leġislattiva** 7101/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 7102/25

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

#### Affarijiet Ġenerali

1. Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova  6784/25 + ADD 1  
*Adozzjoni tal-att leġislattiv* PE-CONS 1/25  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-14.03.2025 ELARG

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 212 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

### Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tal-20 u l-21 ta' Marzu 2025: 5198/25  
konklużjonijiet  
*Skambju ta' fehmiet*
4. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit  
*Skambju ta' fehmiet*
5. Semestru Ewropew
- a) Rapport ta' sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2025 6416/25 + COR 1  
*Skambju ta' fehmiet*
- b) Pjan direzzjonali aġġornat għas-Semestru Ewropew 2025 15357/1/24 REV 1  
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*
- c) Rakkomandazzjoni tal-2025 dwar il-politika ekonomika 5893/25  
taż-żona tal-euro 5960/25  
*Trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

6. **Programmazzjoni leġiżlattiva** ☐ 6850/25 + ADD 1  
a) **Dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2025** 6808/25  
*Approvazzjoni*  
b) **Konklużjonijiet konġunti dwar l-oġettivi u l-prijoritajiet politiċi għall-2025-2029** 6809/25  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva d-dikjarazzjoni konġunta u l-konklużjonijiet konġunti msemmija hawn fuq.  
L-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

7. Affarijiet oħra  
a) Il-finanzjament ta' Radio Free Europe 7169/25  
*Informazzjoni miċ-Ċekja*

---

☐ Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 7102/25**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova**  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*  
*Approvazzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-ġeneru bħala dak li jipprovdi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova."

**DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

"Sabiex jiġi ppreservat finanzjament adegwat għal prijoritajiet oħra taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, il-Kummissjoni se tiffinanzja l-appoġġ mhux ripagabbli addizzjonali ta' EUR 100 miljun disponibbli għall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova permezz tar-riallokazzjoni ta' fondi mhux użati taħt il-linja baġitarja għall-għotjiet ta' assistenza makrofinanzjarja (EUR 40 miljun), ir-riallokazzjoni fi ħdan il-linja baġitarja tal-Viċinat tal-Lvant NDICI-GE (EUR 37 miljun), u mir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI-GE (EUR 23 miljun) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-UE."

## Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 7103/25

<b>Dwar il-punt "B" nru 6:</b>	<b>Programmazzjoni leġislattiva b) Konklużjonijiet konġunti dwar l-oġettivi u l-prijoritajiet politiċi għall- 2025-2029 <i>Approvazzjoni</i></b>
------------------------------------	--

### **DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija eżaminat it-test tal-Konklużjonijiet Konġunti kif ippreżentat mill-Presidenza Pollakka u ħadet nota tal-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew u l-limitazzjonijiet rigward modifiki potenzjali għat-test. Peress li l-Ungerija identifikat diversi punti li jikkontradixxu l-oġettivi u l-prijoritajiet ta' politika magħrufa sew u artikolati b'mod konsistenti tagħha, l-Ungerija tastjeni milli tapprova l-Konklużjonijiet Konġunti u tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjonijiet fundamentali li ġejjin. Il-Konklużjonijiet Konġunti jiddikjaraw li l-Unjoni Ewropea tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn, iżda sfortunatament jonqsu milli jartikolaw l-appell tat-tliet istituzzjonijiet għal tmiem rapidu tal-konflitt u l-impenn tagħhom li jappoġġaw sforzi biex jinkiseb waqfien mill-ġlied u paċi. Id-dokument ma jiffaċċax in-nuqqasijiet tal-leġislazzjoni dwar il-migrazzjoni li għandha tiġi implimentata u jonqos milli jwieġeb għall-urġenza li tiġi ttrattata l-migrazzjoni irregolari. Jeħtieġ li l-UE tħares lil hinn mill-ġestjoni tal-migrazzjoni u għandha tesplora soluzzjonijiet innovattivi u modi ġodda biex tipprevjeni u tiġġielel il-migrazzjoni irregolari, f'konformità mal-Aġenda Strateġika 2024-2029 tagħha. Id-dokument ma jilħaqx l-aspettattivi tal-Ungerija f'termini ta' kemm iwassal determinazzjoni adegwata biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, irrispettivament mis-sors tagħhom."